TRADUZZJONI

# FTEHIM

## bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun dwar assistenza legali reċiproka f'materji kriminali

L-UNJONI EWROPEA,

u

l-ĠAPPUN,

FILWAQT li jixtiequ jistabbilixxu kooperazzjoni aktar effettiva bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Ġappun fil-qasam tal-assistenza legali reċiproka f'materji kriminali,

FILWAQT li jixtiequ li din il-kooperazzjoni tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-kriminalità,

FILWAQT li jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom għar-rispett għall-ġustizzja, il-prinċipji tal-istat tad-dritt u d-demokrazija, u l-indipendenza ġudizzjarja,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

### Objettiv u fini

1. L-Istat rikjest għandu, fuq talba, mill-Istat rikjedenti, jipprovdi assistenza legali reċiproka (minn hawn 'il quddiem "assistenza") b'rabta mal-investigazzjonijiet, il-prosekuzzjonijiet u proċedimenti oħrajn, inklużi l-proċedimenti ġudizzjarji, f'materji kriminali konformement mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

2. Dan il-Ftehim ma japplikax għall-estradizzjoni, it-trasferiment ta' proċedimenti f'materji kriminali u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi minbarra l-konfiska prevista skont l-Artikolu 25.

*Artikolu 2*

### Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan il-Ftehim:

(a) it-terminu "Partijiet Kontraenti" ifisser l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun;

(b) it-terminu "Stat Membru" ifisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

(c) it-terminu "Stat" ifisser Stat Membru jew il-Ġappun;

(d) it-terminu "oġġetti" ifisser dokumenti, rekords u artikoli oħrajn ta' provi;

(e) it-terminu "proprjetà" ifisser beni ta' kull tip, kemm jekk materjali kif ukoll jekk mhux materjali, mobbli jew immobbli, tanġibbli jew intanġibbli, u dokumenti legali jew strumenti li jixhdu d-dritt għal dawn il-beni jew l-interess fihom;

(f) it-terminu "mezzi strumentali" ifisser kwalunkwe proprjetà użata jew maħsuba biex tintuża, fi kwalunkwe mod, bis-sħiħ jew parzjalment, biex jitwettaq reat kriminali;

(g) it-terminu "rikavati" ifisser kwalunkwe proprjetà derivata jew miksuba, direttament jew indirettament, permezz tat-twettiq ta' reat kriminali;

(h) it-terminu "iffriżar jew qbid" ifisser il-projbizzjoni temporanja tat-trasferiment, il-konverżjoni, id-dispożizzjoni jew il-moviment ta' proprjetà jew l-assunzjoni temporanja ta' kustodja jew kontroll ta' proprjetà abbażi ta' ordni maħruġa minn qorti jew xi awtorità kompetenti oħra; u

(i) it-terminu "konfiska", li jinkludi t-telf tad-dritt ta' proprjetà fejn applikabbli, ifisser penali jew miżura, ordnata minn qorti b'segwitu għal proċedimenti fir-rigward ta' reat kriminali jew reati kriminali, li jirriżultaw fid-deprivazzjoni finali tal-proprjetà.

*Artikolu 3*

### L-ambitu tal-assistenza

L-assistenza għandha tinkludi dan li ġej:

(a) il-ġbir ta' xhieda jew dikjarazzjonijiet;

(b) il-possibbiltà li s-smigħ isir permezz ta' vidjokonferenza;

(c) il-kisba ta' oġġetti, inkluż permezz tal-eżekuzzjoni ta' perkwiżizzjoni u qbid;

(d) il-kisba ta' rekords, dokumenti jew rapporti ta' kontijiet bankarji;

(e) l-eżami ta' persuni, oġġetti jew postijiet;

(f) is-sejba jew l-identifikazzjoni ta' persuni, oġġetti jew postijiet;

(g) il-forniment ta' oġġetti fil-pussess tal-awtoritajiet leġislattivi, amministrattivi jew ġudizzjarji tal-Istat rikjest kif ukoll l-awtoritajiet lokali tiegħu;

(h) in-notifika ta' dokumenti u l-infurmar ta' persuna bi stedina biex tidher fl-Istat rikjedenti;

(i) it-trasferiment temporanju ta' persuna f'kustodja għal xhieda jew finijiet oħrajn ta' provi;

(j) assistenza fi proċedimenti relatati mal-iffriżar jew il-qbid u l-konfiska ta' rikavati jew mezzi strumentali; u

(k) kwalunkwe assistenza oħra permessa skont il-liġijiet tal-Istat rikjest u maqbula bejn Stat Membru u l-Ġappun.

*Artikolu 4*

**Ħatra u responsabbiltajiet tal-Awtoritajiet Ċentrali**

Kull Stat għandu jaħtar l-Awtorità Ċentrali jiġifieri l-awtorità responsabbli biex tibgħat, tirċievi u twieġeb għat-talbiet għall-assistenza, l-eżekuzzjoni ta' dawn it-talbiet jew it-trasmissjoni tagħhom lill-awtoritajiet li għandhom il-ġurisdizzjoni li jeżegwixxu dawn it-talbiet skont il-liġijiet tal-Istat. L-Awtoritajiet Ċentrali għandhom ikunu l-awtoritajiet elenkati fl-Anness I ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 5*

**Komunikazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali**

1. It-talbiet għall-assistenza taħt dan il-Ftehim għandhom jintbagħtu mill-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjedenti lill-Awtorità Ċentrali tal-Istati rikjest.

2. L-Awtoritajiet Ċentrali tal-Istati Membri u l-Ġappun għandhom jikkomunikaw direttament ma' xulxin għall-fini ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 6*

**Awtoritajiet kompetenti biex joħorġu t-talbiet**

L-awtoritajiet li huma kompetenti skont il-liġijiet tal-Istati biex joħorġu t-talbiet għall-assistenza skont dan il-Ftehim huma stabbiliti fl-Anness II ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 7*

**Awtentikazzjoni**

Mhuwiex meħtieġ li d-dokumenti trasmessi minn Stat taħt dan il-Ftehim li huma attestati permezz ta' firma jew siġill ta' awtorità kompetenti jew l-Awtorità Ċentrali ta' Stat jiġu awtentikati.

*Artikolu 8*

**Talbiet għall-assistenza**

1. L-Istat rikjedenti għandu jagħmel it-talba bil-miktub.

2. L-Istat rikjedenti jista', f'każijiet urġenti, wara li jkun għamel kuntatt mal-Istat rikjest, jagħmel talba permezz ta' kwalunkwe mezz affidabbli ieħor ta' komunikazzjoni, inklużi l-faks jew il-posta elettronika. F'dawn il-każijiet, l-Istat rikjedenti għandu jipprovdi konferma supplimentarja tat-talba bil-miktub minnufih, jekk dan ikun meħtieġ mill-Istat rikjest.

3. Talba għandha tinkludi dan li ġej:

(a) l-isem tal-awtorità kompetenti li qiegħda tmexxi l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew xi proċediment ieħor, inkluż proċediment ġudizzjarju;

(b) il-fatti relatati mas-suġġett tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew xi proċediment ieħor, inkluż proċediment ġudizzjarju;

(c) in-natura u l-istadju tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew xi proċediment ieħor, inkluż proċediment ġudizzjarju;

(d) it-test jew dikjarazzjoni tal-liġijiet rilevanti, inklużi l-penalitajiet applikabbli, tal-Istat rikjedenti;

(e) deskrizzjoni tal-assistenza mitluba; u

(f) deskrizzjoni tal-fini tal-assistenza mitluba.

4. Safejn hu possibbli u rilevanti għall-assistenza mitluba, talba għandha tinkludi dan li ġej:

(a) informazzjoni dwar l-identità u fejn tinsab kwalunkwe persuna li minnha qiegħda tintalab xhieda, dikjarazzjonijiet jew xi oġġetti;

(b) lista ta' mistoqsijiet li għandhom isiru lill-persuna li minnha qiegħda tintalab xhieda jew dikjarazzjonijiet;

(c) deskrizzjoni preċiża tal-persuni jew il-postijiet li għandhom ikunu perkwiżiti u l-oġġetti mfittxija;

(d) deskrizzjoni tar-raġuni għaliex l-Istat rikjedenti jikkunsidra li r-rekords, id-dokumenti jew ir-rapport tal-kontijiet bankarji mitluba huma rilevanti u meħtieġa għall-finijiet tal-investigazzjoni dwar ir-reat, u xi informazzjoni oħra li tista' tiffaċilita l-eżekuzzjoni tat-talba;

(e) informazzjoni rigward il-persuni, l-oġġetti jew il-postijiet li għandhom ikunu eżaminati;

(f) informazzjoni rigward il-persuni, l-oġġetti jew il-postijiet li jridu jinstabu jew jiġu identifikati;

(g) informazzjoni dwar l-identità u fejn tinsab persuna li għandha tiġi nnotifikata b'dokument jew informata dwar stedina, ir-relazzjoni ta' dik il-persuna mal-proċediment, u l-mod li bih għandha ssir in-notifika;

(h) informazzjoni dwar l-allowances u l-ispejjeż li għandha dritt għalihom il-persuna li qiegħda tintalab biex tidher quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat rikjedenti; u

(i) deskrizzjoni preċiża ta' rikavati jew mezzi strumentali, fejn jinsabu, u l-identità tas-sid tagħhom.

5. Safejn hu meħtieġ, talba għandha tinkludi wkoll dan li ġej:

(a) deskrizzjoni ta' kwalunkwe mod jew proċedura partikolari li għandha tiġi segwita fl-eżekuzzjoni tat-talba;

(b) deskrizzjoni tar-raġunijiet għall-konfidenzjalità rigward it-talba; u

(c) kwalunkwe informazzjoni oħra li għandha tittressaq għall-attenzjoni tal-Istat rikjest biex tiġi ffaċilitata l-eżekuzzjoni tat-talba.

6. Jekk l-Istat rikjest iqis li l-informazzjoni li tinsab f'talba għall-assistenza mhijiex biżżejjed biex tissodisfa r-rekwiżiti taħt dan il-Ftehim sabiex tkun tista' tiġi eżegwita t-talba, l-Istat rikjest jista' jitlob li tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali.

*Artikolu 9*

**Lingwa**

It-talba u kwalunkwe dokument mehmuż magħha għandhom ikunu akkumpanjati minn traduzzjoni f'lingwa uffiċjali tal-Istat rikjest jew, fihom kollha jew, f'każijiet urġenti, f'lingwa speċifikata fl-Anness III ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 10*

**Eżekuzzjoni tat-talbiet**

1. L-Istat rikjest għandu minnufih jeżegwixxi t-talba konformement mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan il-Ftehim. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat rikjest għandhom jieħdu kull miżura possibbli fis-setgħa tagħhom biex jiżguraw l-eżekuzzjoni tat-talba.

2. Talba għandha tiġi eżegwita permezz tal-użu ta' miżuri li huma konformement mal-liġijiet tal-Istat rikjest. Il-mod jew il-proċedura partikolari deskritti fit-talba msemmija fil-paragrafu 4(g) jew il-paragrafu 5(a) tal-Artikolu 8 għandhom ikunu segwiti sakemm ma jkunux kontra l-liġijiet tal-Istat rikjest, u fejn hu possibbli fil-prattika. Fil-każ li l-eżekuzzjoni tat-talba fil-mod jew proċedura deskritti fit-talba toħloq problema prattika għall-Istat rikjest, l-Istat rikjest għandu jikkonsulta mal-Istat rikjedenti sabiex isolvi l-problema prattika.

3. Jekk l-eżekuzzjoni ta' talba titqies li qiegħda tinterferixxi mal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew xi proċediment ieħor, inkluż proċediment ġudizzjarju, li jkunu għaddejjin fl-Istat rikjest, l-Istat rikjest jista' jipposponi l-eżekuzzjoni. L-Istat rikjest għandu jinforma lill-Istat rikjedenti bir-raġunijiet għall-posponiment u jikkonsulta il-proċedura sussegwenti. Minflok ma jipposponi l-eżekuzzjoni, l-Istat rikjest jista' jpoġġi kondizzjonijiet fuq l-eżekuzzjoni meqjusa meħtieġa, wara konsultazzjonijiet mal-Istat rikjedenti. Jekk l-Istat rikjedenti jaċċetta dawn il-kondizzjonijiet, l-Istat rikjedenti għandu jikkonforma magħhom.

4. L-Istat rikjest għandu jagħmel l-almu tiegħu biex iżomm konfidenzjali l-fatt li tkun saret talba, il-kontenuti tat-talba, l-eżitu tal-eżekuzzjoni tat-talba u informazzjoni rilevanti oħra dwar l-eżekuzzjoni tat-talba jekk din il-konfidenzjalità tintalab mill-Istat rikjedenti. Jekk talba ma tistax tiġi eżegwita mingħajr ma tinkixef din l-informazzjoni, l-Istat rikjest għandu jgħarraf b'dan lill-Istat rikjedenti, li mbagħad għandu jiddetermina jekk talba għandhiex madankollu tiġi eżegwita.

5. L-Istat rikjest għandu jwieġeb għall-inkjesti raġonevoli mill-Istat rikjedenti dwar l-istatus tal-eżekuzzjoni ta' talba.

6. L-Istat rikjest għandu minnufih jinforma lill-Istat rikjedenti bir-riżultat tal-eżekuzzjoni ta' talba, u għandu jipprovdi lill-Istat rikjedenti x-xhieda, id-dikjarazzjonijiet jew l-oġġetti, li jkunu nkisbu bħala riżultat tal-eżekuzzjoni, inkluż kwalunkwe talba minn persuna li li qied tintalab xhieda, dikjarazzjoni jew xi oġġetti rigward immunità, inkapaċità jew privileġġ skont il-liġijiet tal-Istat rikjedenti. L-Istat rikjest għandu minnufih jipprovdi l-oriġinali jew, jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli, kopji ċċertifikati tar-rekords jew id-dokumenti. Jekk talba ma tkunx tista' tiġi eżegwita bis-sħiħ jew parzjalment, l-Istat rikjest għandu jinforma lill-Istat rikjedenti bir-raġunijiet għal dan.

*Artikolu 11*

**Raġunijiet għaċ-ċaħda tal-assistenza**

1. L-assistenza tista' tinċaħad jekk l-Istat rikjest iqis li:

(a) talba tirrigwarda reat politiku jew reat marbut ma' reat politiku;

(b) l-eżekuzzjoni ta' talba x'aktarx li tippreġudika s-sovranità, is-sigurtà, l-ordni pubbliku jew interessi essenzjali oħrajn. Għall-fini ta' dan is-subparagrafu, l-Istat rikjest jista' jikkunsidra li l-eżekuzzjoni ta' talba rigward reat suġġett għall-piena tal-mewt skont il-liġijiet tal-Istat rikjedenti jew, fir-relazzjonijiet bejn Stat Membru wieħed, imniżżel fl-Anness IV ta' dan il-Ftehim, u l-Ġappun, reat suġġett għal sentenza ta' għomor il-ħabs skont il-liġijiet tal-Istat rikjedenti, tista' tippreġudika l-interessi essenzjali tal-Istat rikjest, sakemm l-Istat rikjest u l-Istat rikjedenti jaqblu dwar il-kondizzjonijiet skont liema tista' tiġi eżegwita t-talba;

(c) hemm raġunijiet iġġustifikati sew biex wieħed jissupponi li t-talba għall-assistenza tkun saret bil-ħsieb tal-prosekuzzjoni ta' persuna jew biex tiġi ppenalizzata minħabba r-razza, ir-reliġjon, iċ-ċittadinanza, l-oriġini etnika, l-opinjonijiet politiċi jew is-sess, jew li l-pożizzjoni ta' din il-persuna tista' tkun ppreġudikata għal kwalunkwe waħda minn dawn ir-raġunijiet;

(d) il-persuna, li hi suġġetta għall-investigazzjonijiet, il-prosekuzzjonijiet jew xi proċedimenti oħra kriminali, inklużi proċedimenti ġudizzjarji, li għalihom qiegħda tintalab l-assistenza, fl-Istat rikjedenti, kienet diġà nstabet ħatja u ġiet illiberata għall-istess fatti fi Stat Membru jew il-Ġappun; jew

(e) talba mhijiex konformi mar-rekwiżiti ta' dan il-Ftehim.

2. L-Istat rikjest jista' jiċħad l-assistenza li teħtieġ miżuri ta' kostriġiment skont il-liġijiet tiegħu jekk jikkunsidra li l-imġiba li hi suġġetta għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew xi proċediment ieħor, inkluż proċediment ġudizzjarju, fl-Istat rikjedenti ma tikkostitwix reat kriminali skont il-liġijiet tal-Istat rikjest. Fir-relazzjonijiet bejn il-Ġappun u żewġ Stati Membri, imniżżlin fl-Anness IV ta' dan il-Ftehim, l-assistenza tista' tinċaħad jekk l-Istat rikjest jikkunsidra li l-imġiba li hi suġġetta għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew xi proċediment ieħor, inkluż proċediment ġudizzjarju, fl-Istat rikjedenti ma tikkostitwix reat kriminali skont il-liġijiet tal-Istat rikjest.

3. L-assistenza m'għandhiex tinċaħad għar-raġuni tas-segretezza bankarja.

4. Qabel ma jiċħad l-assistenza taħt dan l-Artikolu, l-Istat rikjest għandu jikkonsulta mal-Istat rikjedenti meta l-Istat rikjest iqis li l-assistenza tista' tiġi pprovduta suġġetta għal ċerti kondizzjonijiet. Jekk l-Istat rikjedenti jaċċetta dawn il-kondizzjonijiet, l-Istat rikjedenti għandu jikkonforma magħhom.

5. Jekk l-assistenza tinċaħad, l-Istat rikjest għandu jinforma lill-Istat rikjedenti bir-raġunijiet għal din iċ-ċaħda.

*Artikolu 12*

**Spejjeż**

1. L-Istat rikjest għandu jħallas l-ispejjeż kollha relatati mal-eżekuzzjoni ta' talba, sakemm ma jkunx hemm qbil mod ieħor bejn l-Istat rikjedenti u l-Istat rikjest.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-Istat rikjedenti għandu jħallas:

(a) it-tariffi ta' xhud espert;

(b) l-ispejjeż tat-traduzzjoni, l-interpretazzjoni u t-traskrizzjoni;

(c) l-allowances u spejjeż relatati mal-ivvjaġġar ta' persuni skont l-Artikoli 22 u 24;

(d) l-ispejjeż tal-istabbiliment ta' konnessjoni bil-vidjo u spejjeż relatati mal-manutenzjoni tal-konnessjoni bil-vidjo fl-Istat rikjest; u

(e) l-ispejjeż ta' natura straordinarja;

sakemm ma jkunx hemm qbil mod ieħor bejn l-Istat rikjedenti u l-Istat rikjest.

3. Jekk l-eżekuzzjoni ta' talba timponi spejjeż ta' natura straordinarja, l-Istat rikjedenti u l-Istat rikjest għandhom jikkonsultaw sabiex jiddeterminaw taħt liema kondizzjonijiet għandha tkun eżegwita t-talba.

*Artikolu 13*

**Limitazzjonijiet fuq l-użu ta' xhieda, dikjarazzjonijiet, oġġetti jew informazzjoni**

1. L-Istat rikjedenti m'għandux jagħmel użu minn xhieda, dikjarazzjonijiet, oġġetti jew kwalunkwe informazzjoni, inkluża data personali pprovduta jew miksuba mod ieħor taħt dan il-Ftehim minbarra f'investigazzjoni, prosekuzzjoni jew xi proċediment ieħor, inkluż proċediment ġudizzjarju, deskritti fit-talba mingħajr kunsens minn qabel tal-Istat rikjest. Fl-għoti ta' tali kunsens minn qabel, l-Istat rikjest jista' jimponi l-kondizzjonijiet li huwa jqis adatti.

2. L-Istat rikjest jista' jitlob li xhieda, dikjarazzjonijiet, jew kwalunkwe informazzjoni oħra, inkluża data personali, pprovduta jew miksuba mod ieħor taħt dan il-Ftehim tinżamm konfidenzjali jew tintuża biss taħt xi kondizzjonijiet oħrajn li jista' jispeċifika. Jekk l-Istat rikjedenti jaqbel ma' din il-konfidenzjalità jew jaċċetta dawn il-kondizzjonijiet, huwa għandu jikkonforma magħhom.

3. F'ċirkostanzi eċċezzjonali Stat jista', fil-waqt li jkun qed jipprovdi xhieda, dikjarazzjonijiet, oġġetti jew kwalunkwe informazzjoni oħra, inkluża data personali, jitlob li l-Istat li jirċeviha jagħti informazzjoni dwar l-użu li jkun sar minnhom.

*Artikolu 14*

**Trasport, manutenzjoni u radd lura ta' oġġetti**

1. L-Istat rikjest jista' jitlob li l-Istat rikjedenti jittrasporta u jagħmel manutenzjoni ta' oġġetti pprovduti taħt dan il-Ftehim konformement mal-kondizzjonijiet speċifikati mill-Istat rikjest, inklużi l-kondizzjonijiet meqjusa meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi ta' partijiet terzi fl-oġġetti li għandhom ikunu ttrasferiti.

2. L-Istat rikjest jista' jitlob li l-Istat rikjedenti jrodd lura kwalunkwe oġġett ipprovdut taħt dan il-Ftehim konformement mal-kondizzjonijiet speċifikati mill-Istat rikjest, wara li dawn l-oġġetti jkunu ġew użati għall-finijiet deskritti f'talba.

3. L-Istat rikjedenti għandu jikkonforma mat-talba li tkun saret skont il-paragrafu 1 jew 2. Meta tkun saret din it-talba, l-Istat rikjedenti m'għandux jeżamina l-oġġetti mingħajr il-kunsens minn qabel tal-Istat rikjest jekk l-eżami jagħmel ħsara jew jista' jagħmel ħsara lill-oġġett.

*Artikolu 15*

**Ġbir ta' xhieda jew dikjarazzjonijiet**

1. L-Istat rikjest għandu jiġbor ix-xhieda jew id-dikjarazzjonijiet. L-Istat rikjest għandu jagħmel użu minn miżuri ta' koerċizzjoni sabiex jagħmel dan, jekk dawn il-miżuri jkunu meħtieġa u l-Istat rikjedenti jipprovdi lill-Istat rikjest informazzjoni li tiġġustifika dawk il-miżuri skont il-liġijiet tal-Istat rikjest.

2. L-Istat rikjest għandu jagħmel mill-aħjar tiegħu biex jippermetti l-preżenza ta' dawn il-persuni kif speċifikat f'talba għall-ġbir ta' xhieda jew dikjarazzjonijiet matul l-eżekuzzjoni tat-talba, u biex jippermetti lil dawn il-persuni li jinterrogaw lill-persuna li qiegħda tintalab ix-xhieda jew id-dikjarazzjonijiet. Fil-każ li din l-interrogazzjoni diretta ma tkunx permessa, dawn il-persuni għandhom jitħallew jippreżentaw il-mistoqsijiet li għandhom isiru lill-persuna li qiegħda tintalab ix-xhieda jew id-dikjarazzjonijiet.

3. Jekk persuna, li tkun qiegħda tintalab xhieda jew xi dikjarazzjonijiet skont dan l-Artikolu, tafferma talba ta' immunità, inkapaċità jew privileġġ skont il-liġijiet tal-Istat rikjedenti, ix-xhieda jew id-dikjarazzjonijiet jistgħu madankollu jittieħdu, sakemm it-talba ma tinkludix dikjarazzjoni mill-Istat rikjedenti li meta jintalbu tali immunità, inkapaċità jew privileġġ, ix-xhieda jew id-dikjarazzjonijiet ma jistgħux jittieħdu.

*Artikolu 16*

**Smigħ permezz ta' vidjokonferenza**

1. Jekk persuna tkun fl-Istat rikjest u tkun trid tinstema' bħala xhud jew xhud espert mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat rikjedenti, l-Istat rikjest jista' jippermetti li tittieħed xhieda jew dikjarazzjoni minn dik il-persuna minn dawk l-awtoritajiet kompetenti permezz ta' vidjokonferenza jekk tali smigħ huwa meħtieġ għall-proċedimenti tal-Istat rikjedenti. L-Istat rikjedenti u dak rikjest għandhom jikkonsultaw, jekk meħtieġ, sabiex jiffaċilitaw ir-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet legali, tekniċi jew loġistiċi li jistgħu jitfaċċaw matul l-eżekuzzjoni tat-talba.

2. Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għas-smigħ permezz ta' vidjokonferenza, sakemm l-Istat rikjedenti u l-Istat rikjest ma jaqblux mod ieħor:

(a) l-awtorità tal-Istat rikjest għandha tidentifika l-persuna speċifikata fit-talba li għandha tinstema', u tistieden lill-persuna biex tiffaċilita d-dehra tagħha;

(b) is-smigħ għandu jitmexxa direttament mill-awtorità kompetenti tal-Istat rikjedenti jew taħt id-direzzjoni tagħha konformement mal-liġijiet tiegħu stess u l-prinċipji fundamentali tal-liġi tal-Istat rikjest;

(c) l-awtorità tal-Istat rikjest għandha tkun preżenti matul is-smigħ, fejn meħtieġ assistita minn interpretu, u għandha tosserva s-smigħ. Jekk l-awtorità tal-Istat rikjest hi tal-fehma li matul is-smigħ il-prinċipji fundamentali tal-liġi tal-Istat rikjest ikunu qegħdin jinkisru, hija għandha tieħu minnufih il-miżuri meħtieġa biex tiżgura li s-smigħ ikompli konformement ma' dawn il-prinċipji;

(d) fuq talba tal-Istat rikjedenti jew tal-persuna li għandha tinstema', l-Istat rikjest għandu jiżgura, jekk meħtieġ, li l-persuna tkun assistita minn interpretu; u

(e) il-persuna li għandha tinstema' tista' titlob id-dritt li ma tixhidx li hu dritt tagħha skont il-liġijiet tal-Istat rikjest jew tal-Istat rikjedenti. Għandhom jittieħdu wkoll miżuri oħrajn meħtieġa għall-protezzjoni tal-persuna kif maqbula bejn l-awtoritajiet tal-Istat rikjedenti u dak rikjest.

*Artikolu 17*

**Kisba ta' oġġetti**

1. L-Istat rikjest għandu jikseb l-oġġetti. L-Istat rikjest għandu jagħmel użu minn miżuri ta' koerċizzjoni, inklużi l-perkwiżizzjoni u l-qbid sabiex jagħmel dan, jekk dawn il-miżuri jkunu meħtieġa u l-Istat rikjedenti jipprovdi lill-Istat rikjest informazzjoni li tiġġustifika dawk il-miżuri skont il-liġijiet tal-Istat rikjest.

2. L-Istat rikjest għandu jagħmel mill-aħjar tiegħu biex jippermetti l-preżenza ta' dawn il-persuni kif speċifikat f'talba għall-kisba ta' oġġetti matul l-eżekuzzjoni tat-talba.

*Artikolu 18*

**Kontijiet bankarji**

1. L-Istat rikjest għandu jikkonferma jekk persuna fiżika jew ġuridika li hi s-suġġett ta' investigazzjoni kriminali żżommx jew tikkontrollax kont wieħed jew aktar fil-banek speċifikati fit-talba.

2. L-Istat rikjest għandu jipprovdi r-rekords, id-dokumenti jew ir-rapporti speċifikati tal-kontijiet speċifikati, ir-rekords ta' operazzjonijiet bankarji li twettqu matul perijodu speċifikat permezz tal-kontijiet speċifikati fit-talba, jew identifikati skont il-paragrafu 1 u r-rekords, id-dokumenti jew ir-rapporti speċifikati ta' kwalunkwe kont li jibgħat jew jirċievi l-flus.

3. L-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw biss safejn l-informazzjoni tkun fil-possess tal-bank li jkun qiegħed iżomm il-kont.

4. L-Istat rikjest jista' jagħmel l-eżekuzzjoni ta' talba fil-paragrafi 1 jew 2 dipendenti fuq il-kondizzjonijiet applikati minnu fir-rigward ta' talba għall-kisba ta' oġġetti.

*Artikolu 19*

**Eżami ta' persuni, oġġetti jew postijiet**

1. L-Istat rikjest għandu jeżamina l-persuni, l-oġġetti jew il-postijiet. L-Istat rikjest għandu jagħmel użu minn miżuri ta' koerċizzjoni sabiex jagħmel dan, jekk dawn il-miżuri jkunu meħtieġa u l-Istat rikjedenti jipprovdi lill-Istat rikjest informazzjoni li tiġġustifika dawk il-miżuri skont il-liġijiet tal-Istat rikjest.

2. L-Istat rikjest għandu jagħmel mill-aħjar tiegħu biex jippermetti l-preżenza ta' dawn il-persuni kif speċifikat f'talba għall-eżami tal-persuni, l-oġġetti jew il-postijiet matul l-eżekuzzjoni tat-talba.

*Artikolu 20*

**Sejba jew identifikazzjoni ta' persuni, oġġetti jew postijiet**

L-Istat rikjest għandu jagħmel l-almu tiegħu biex isib jew jidentifika l-persuni, l-oġġetti jew il-postijiet.

*Artikolu 21*

**Forniment ta' oġġetti fil-pussesstal-awtoritajiet leġislattivi, amministrattivi, ġudizzjarji jew lokali**

1. L-Istat rikjest għandu jipprovdi lill-Istat rikjedenti oġġetti fil-pussess tal-awtoritajiet leġislattivi, amministrattivi jew ġudizzjarji tal-Istat rikjest kif ukoll l-awtoritajiet lokali tiegħu u li huma disponibbli għall-pubbliku inġenerali.

2. L-Istat rikjest għandu jagħmel l-almu tiegħu biex jipprovdi lill-Istat rikjedenti oġġetti, inklużi rekords kriminali, li huma fil-pussess tal-awtoritajiet leġislattivi, amministrattivi jew ġudizzjarji tal-Istat rikjest kif ukoll l-awtoritajiet lokali tiegħu u li mhumiex disponibbli għall-pubbliku inġenerali, sal-istess punt u taħt l-istess kondizzjonijiet bħalma dawn l-oġġetti jkunu disponibbli għall-awtoritajiet investigattivi u ta' prosekuzzjoni tiegħu.

*Artikolu 22*

**Notifika ta' dokumenti u l-informar ta' persuna dwar stedina**

1. L-Istat rikjest għandu jinnotifika d-dokumenti, inkluż innotifika ta' taħrika jew dokumenti oħrajn li jirrikjedu d-dehra ta' persuna quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat rikjedenti, lil persuni fl-Istat rikjest. L-Istat rikjest għandu jinforma lil persuna f'dak l-Istat dwar stedina biex tidher quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat rikjedenti.

2. Fejn talba tirrigwarda n-notifika ta' dokument li teħtieġ li persuna tidher quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat rikjedenti, it-talba għandha tintbagħat lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjest mhux anqas minn ħamsin (50) jum qabel id-data skedata biex hija tidher. F'każijiet urġenti, l-Istat rikjest jista' jneħħi dan ir-rekwiżit.

3. Fejn l-Istat rikjedenti jkun jaf li l-indirizzat ma jifhimx il-lingwa li biha d-dokumenti, innotifikati jew mibgħuta skont il-paragrafu 1, ikunu tfasslu jew ġew tradotti, l-Istat rikjedenti għandu jagħmel ħiltu biex jittraduċi d-dokumenti, jew għandu, tal-inqas, jittraduċi xi siltiet importanti minnhom, inkluż fil-lingwa li tinftiehem mill-indirizzat.

4. Id-dokumenti nnotifikati skont il-paragrafu 1 għandhom jinkludu dikjarazzjoni li l-indirizzat jista' jikseb informazzjoni mill-awtorità kompetenti li permezz tagħha jkun inħareġ id-dokument jew minn awtoritajiet oħrajn tal-Istat rikjedenti rigward id-drittijiet u l-obbligi essenzjali tiegħu fir-rigward tad-dokumenti, jekk ikun hemm.

5. Waqt li jinforma dwar ir-riżultat tan-notifika tad-dokumenti skont il-paragrafu 6 tal-Artikolu 10, l-Istat rikjest għandu jagħti provi tan-notifika permezz ta' riċevuta datata u ffirmata mill-persuna li tkun saritilha n-notifika jew permezz ta' dikjarazzjoni magħmula mill-Istat rikjest li n-notifika tkun saret, kif ukoll dwar id-data, il-post u l-mod tan-notifika. L-Istat rikjest għandu, fuq talba mill-Istat rikjedenti, jinforma minnufih lill-Istat rikjedenti, fejn hu possibbli, bit-tweġiba tal-persuna li hija mistiedna jew meħtieġa tidher quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat rikjedenti skont il-paragrafu 1.

6. Persuna li tkun ġiet mistiedna jew meħtieġa tidher quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat rikjedenti skont il-paragrafu 1, iżda ma tidhirx quddiem dik l-awtorità m'għandhiex, għal din ir-raġuni, tkun suġġetta għall-ebda piena jew tkun suġġetta għall-ebda miżura ta' koerċizzjoni fl-Istat rikjedenti, minkejja kwalunkwe dikjarazzjoni għall-kuntrarju fit-talba jew f'dokumenti notifikati jew mibgħuta.

*Artikolu 23*

**Immunità**

1. Persuna li hija mistiedna jew meħtieġa tidher quddiem awtorità kompetenti tal-Istat rikjedenti skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 22 m'għandhiex:

(a) tkun suġġetta għal detenzjoni jew kwalunkwe restrizzjoni tal-libertà personali f'dak l-Istat minħabba kwalunkwe imġiba jew kundanna li tipprećedi t-tluq tal-persuna mill-Istat rikjest; jew

(b) tiġi obbligata tixhed jew tassisti fi kwalunkwe investigazzjoni, prosekuzzjoni jew proċediment ieħor, inkluż proċediment ġudizzjarju, minbarra l-proċediment speċifikat fit-talba.

2. Jekk l-immunità prevista fil-paragrafu 1 ma tistax tiġi pprovduta, l-Istat rikjedenti għandu jispeċifika dan fit-talba jew id-dokumenti nnotifikati sabiex il-persuna tiġi infurmata b'dan u tkun tista' tieħu deċiżjoni jekk hijiex ser tidher quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat rikjedenti.

3. L-immunità prevista fil-paragrafu 1 għandha tieqaf meta:

(a) il-persuna, filwaqt li kellha opportunità li titlaq għal perijodu ta' ħmistax-il jum (15) konsekuttiv mid-data meta l-preżenza tagħha ma kenitx għada meħtieġa mill-awtorità kompetenti jew mill-jum minn meta hija naqset li tidher quddiem dik l-awtorità fid-data skedata biex hija tidher, tkun madankollu baqgħet volontarjament fl-Istat rikjedenti; jew

(b) il-persuna, filwaqt li tkun telqet mill-Istat rikjedenti, terġa' lura hemm volontarjament.

4. Meta l-Istat rikjedenti jkun jaf li l-immunità prevista fil-paragrafu 1 spiċċat skont il-paragrafi 3(a) u 3(b), l-Istat rikjedenti għandu jinforma lill-Istat rikjest b'dan mingħajr dewmien, jekk tali informazzjoni hija mitluba mill-Istat rikjest u meqjusa meħtieġa mill-Istat rikjedenti.

*Artikolu 24*

**Trasferiment temporanju ta' persuni fil-kustodja**

1. Persuna fil-kustodja tal-Istat rikjest li l-preżenza tagħha fl-Istat rikjedenti hi meħtieġa biex tagħti xhieda jew għal raġunijiet oħra ta' provi għandha tiġi trasferita temporanjament lejn l-Istat rikjedenti għal dawk il-finijiet jekk il-persuna tagħti l-kunsens tagħha u jekk l-Istat rikjedenti u l-Istat rikjest jaqblu, meta dan ikun permess skont il-liġijiet tal-Istat rikjest.

2. L-Istat rikjedenti għandu jżomm lill-persuna trasferita skont il-paragrafu 1 fil-kustodja tal-Istat rikjedenti, sakemm l-Istat rikjest ma jippermettix li jsir mod ieħor.

3. L-Istat rikjedenti għandu minnufih jreġġa' lura lejn l-Istat rikjest lill-persuna trasferita, kif ikun sar qbil minn qabel, jew kif ikun sar qbil mod ieħor bejn l-Istat rikjedenti u dak rikjest.

4. Il-persuna ttrasferita għandha tirċievi krettu talli tkun skontat sentenza skontata fl-Istat rikjest għaż-żmien li tkun qattgħet fil-kustodja tal-Istat rikjedenti.

5. Il-persuna ttrasferita lill-Istat rikjedenti skont dan l-Artikolu għandha tgawdi mill-immunità prevista fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 23 fl-Istat rikjedenti sakemm terġa' lura għall-Istat rikjest, sakemm il-persuna ma tagħtix kunsens li tagħti xhieda jew tassisti fi kwalunkwe investigazzjoni, prosekuzzjoni jew kwalunkwe proċediment ieħor, inkluż proċediment ġudizzjarju, minbarra l-proċediment speċifikat fit-talba u l-Istat rikjedenti u dak rikjest ma jaqblux mod ieħor.

6. Persuna li ma tagħtix il-kunsens tagħha għat-trasferiment skont dan l-Artikolu m'għandha tkun suġġetta għall-ebda piena jew tkun suġġetta għall-ebda miżura ta' koerċizzjoni fl-Istat rikjedenti, għal din ir-raġuni, minkejja kwalunkwe dikjarazzjoni għall-kuntrarju fit-talba.

*Artikolu 25*

**Iffriżar jew qbid u konfiska ta' rikavati jew mezzi strumentali**

1. L-Istat rikjest għandu jassisti, safejn ikun permess mil-liġijiet tiegħu, fi proċedimenti relatati mal-iffriżar jew il-qbid u l-konfiska tar-rikavati jew il-mezzi strumentali.

2. It-talba għall-konfiska deskritta fil-paragrafu 1 għandha tkun akkumpanjata minn deċiżjoni ta' qorti jew ta' awtorità ġudizzjarja oħra li timponi l-konfiska.

3. L-Istat rikjest li jkollu l-kustodja tar-rikavati jew il-mezzi strumentali jista' jittrasferixxi dawn ir-rikavati jew l-mezzi strumentali, bis-sħiħ jew parzjalment, lill-Istat rikjedenti, sal-punt permess mil-liġijiet tal-Istat rikjest u taħt dawk il-kondizzjonijiet li hu jqis li huma adatti.

4. Fl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, id-drittijiet leġittimi u l-interessi ta' partijiet terzi f'bona fide għandhom ikunu rrispettati skont il-liġijiet tal-Istat rikjest.

*Artikolu 26*

**Skambju spontanju ta' informazzjoni**

1. Mingħajr ma ssir talba minn qabel, l-Istati Membri u l-Ġappun jistgħu jipprovdu informazzjoni rigward materji kriminali lil xulxin safejn dan ikun permess mil-liġijiet tal-Istat li jipprovdiha.

2. L-Istat li jipprovdiha jista' jimponi kondizzjonijiet fuq l-użu ta' din l-informazzjoni mill-Istat li jirċeviha. F'dan il-każ, l-Istat li jipprovdiha għandu javża minn qabel lill-Istat li jirċeviha dwar in-natura tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta u tal-kondizzjonijiet li għandhom jiġu imposti. L-Istat li jirċeviha għandu jintrabat b'dawk il-kondizzjonijiet jekk jaqbel magħhom.

*Artikolu 27*

**Relazzjoni ma' strumenti oħrajn**

1. L-ebda parti minn dan il-Ftehim m'għandha timpedixxi lil kwalunkwe Stat li jitlob assistenza jew jipprovdi assistenza konformement ma' ftehimiet internazzjonali applikabbli oħrajn, jew skont il-liġijiet tiegħu li jistgħu japplikaw.

2. L-ebda parti minn dan il-Ftehim m'ghandha timpedixxi lil Stat Membru u l-Ġappun li jikkonkludu ftehimiet internazzjonali li jikkonfermaw, jissupplimentaw, jestendu jew jamplifikaw id-dispożizzjonijiet tiegħu.

*Artikolu 28*

**Konsultazzjonijiet**

1. L-Awtoritajiet Ċentrali tal-Istati Membri u l-Ġappun ghandhom, fejn meħtieġ, jikkonsultaw ma' xulxin ghall-fini tar-riżoluzzjoni ta' kwalunkwe diffikultà fir-rigward tal-esekuzzjoni ta' talba, u jiffaċilitaw l-assistenza rapida u effettiva taħt dan il-Ftehim, u jistghu jiddeċiedu dwar dawk il-miżuri li jistghu jkunu meħtieġa ghal dan il-fini.

2. Il-Partijiet Kontraenti ghandhom, fejn meħtieġ, jikkonsultaw dwar kwalunkwe materja li tista' toħroġ mill-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 29*

**Applikazzjoni territorjali**

1. Dan il-Ftehim ghandu japplika ghat-territorju tal-Ġappun u, fir-rigward tal-Unjoni Ewropea, ghal dawn li ġejjin:

(a) it-territorji tal-Istati Membri; u

(b) it-territorji li fir-rigward tagħhom Stat Membru jkollu r-responsabbiltà ghar-relazzjonijiet esterni, jew il-pajjiżi li mhumiex Stati Membri li fir-rigward tagħhom Stat Membru jkollu dmirijiet oħra rigward ir-relazzjonijiet esterni, meta jkun hemm ftehim dwar dan bi skambju ta' noti diplomatiċi bejn il-Partijiet Kontraenti, debitament ikkonferrmati mill-Istat Membru rilevanti.

2. L-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim ghal kwalunkwe territorju jew pajjiż li fir-rigward tiegħu tkun saret estensjoni konformement mal-paragrafu 1(b) tista' tintemm minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet Kontraenti li tagħti avviż bil-miktub sitt xhur qabel lill-Parti Kontraenti l-oħra permezz ta' mezz diplomatiku, fejn dan ikun debitament ikkonferrmat mill-Istat Membru rilevanti u l-Ġappun.

*Artikolu 30*

**Status tal-annessi**

L-annessi ma' dan il-Ftehim jifformaw parti integrali ta' dan il-Ftehim. L-Annessi I, II u III jistghu jiġu mmodifikati b'kunsens reċiproku bil-miktub mill-Partijiet Kontraenti mingħajr ma jiġi emendat dan il-Ftehim.

*Artikolu 31*

**Dħul fis-seħħ u tmiem**

1. Dan il-Ftehim ghandu jidħol fis-seħħ fit-tletin jum wara d-data li fiha l-Partijiet Kontraenti jiskambjaw in-noti diplomatiċi li jinformaw lil xulxin li tlestew il-proċeduri interni rispettivi tagħhom neċessarji biex ikollu effett dan il-Ftehim.

2. Dan il-Ftehim ghandu japplika ghal kwalunkwe talba ghall-assistenza ppreżentata fid-data meta l-Ftehim jidħol fis-seħħ jew warajha, kemm jekk l-atti rilevanti ghat-talba jkunu twettqu qabel id-data, fid-data jew warajha.

3. Kwalunkwe waħda mill-Partijiet Kontraenti tista' ttemm dan il-Ftehim fi kwalunkwe żmien permezz ta' avviż bil-miktub lill-Parti Kontraenti l-oħra, u dan it-tmiem ghandu jidħol fis-seħħ sitt xhur wara d-data ta' dan l-avviż.

B'XHIEDA TA' DAN, il-Plenipotenzjarji sottoskritti ffirmaw dan il-Ftehim.

MAGĦMUL duplikatament, bil-lingwa Ingliża u b'dik Ġappuniża, biż-żewġ testijiet ugwalment awtentiċi, u ffirmat fi Brussell fit-tlettax ta' Novembru 2009, u f'Tokyo fil-ħmistax ta' Diċembru 2009. Dan il-Ftehim ghandu jitfassal ukoll fil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taljana u Ungeriża u l-Partijiet Kontraenti ghandhom jawtentikaw dawk il-verżjonijiet lingwistiċi permezz ta' skambju ta' noti diplomatiċi.

*Ghall-Unjoni Ewropea* *Ghall-Ġappun*

*ANNESS I*

**L-AWTORITAJIET ĊENTRALI**

L-Awtoritajiet Ċentrali tal-Partijiet Kontraenti huma l-awtoritajiet li ġejjin:

ir-Renju tal-Belġju: id-Dipartiment tas-Servizzi Federali Pubbliku għalll-Ġustizzja u l-Kooperazzjoni Kriminali Interjnazzjonali.

ir-Repubblika tal-Bulgarija: il-Ministeru tal-Ġustizzja.

ir-Repubblika Ċeka:

— qabel ma l-każ jitressaq quddiem qorti (jiġifieri fi proċedimenti ta' qabel il-proċess): l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Għoli tar-Repubblika Ċeka, u

— wara li l-każ jitressaq quddiem qorti (jiġifieri fl-istadju tal-proċess tal-proċedimenti kriminali): il-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Ċeka.

ir-Renju tad-Danimarka: il-Ministeru tal-Ġustizzja.

ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja: l-Uffiċċju Federali tal-Ġustizzja.

ir-Repubblika tal-Estonja: il-Ministeru tal-Ġustizzja.

l-Irlanda: il-Ministeru tal-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u r-Riforma Leġislattiva jew persuna maħtura mill-Ministru.

ir-Repubblika Ellenika: il-Ministeru tal-Ġustizzja, it-Trasparenza u d-Drittijiet tal-Bniedem.

ir-Renju ta' Spanja: il-Ministeru tal-Ġustizzja, is-Sotto-Direttorat Ġenerali għall-kooperazzjoni legali internazzjonali.

ir-Repubblika ta' Franza: il-Ministeru tal-Ġustizzja, l-Uffiċċju għall-Assistenza Reċiproka f'Affarijiet Kriminali, id-Direttorat għall-Affarijiet Kriminali u l-Maħfriet.

ir-Repubblika Taljana: il-Ministru tal-Ġustizzja, Dipartiment tal-Affarijiet Ġudizzjarji - id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Kriminali.

ir-Repubblika ta' Ċipru: il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Ordni Pubbliku.

ir-Repubblika tal-Latvja:

— matul l-investigazzjoni ta' qabel il-proċess sal-prosekuzzjoni: Pulizija tal-Istat,

— matul l-investigazzjoni ta' qabel il-proċess sa meta l-każ jitressaq quddiem il-qorti: l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali, u

— matul il-proċess: il-Ministeru tal-Ġustizzja.

ir-Repubblika tal-Litwanja:

— il-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika tal-Litwanja, u

— l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Litwanja.

il-Gran Dukat tal-Lussemburgu: il-Prosekutur Ġenerali.

ir-Repubblika tal-Ungerija:

— il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Infruzar tal-Liġi, u

— l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali.

ir-Repubblika ta' Malta: l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali

ir-Renju tal-Olanda:

ir-Repubblika tal-Awstrija: il-Ministeru tal-Ġustizzja.

ir-Repubblika tal-Polonja:

— matul l-istadju ta' qabel il-proċess: l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Nazzjonali,

— matul il-proċess: il-Ministeru tal-Ġustizzja.

ir-Repubblika tal-Portugall: l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali.

Ir-Rumanija: il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Libertajiet Ċivili, id-Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni, id-Direttorat għal-Liġi Internazzjonali u t-Trattati, it-Taqsima għall-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali fi Kwistjonijiet Kriminali.

ir-Repubblika tas-Slovenja: il-Ministeru tal-Ġustizzja, id-Direttorat għall-kooperazzjoni internazzjonali u l-assistenza legali internazzjonali.

ir-Repubblika Slovakka:

— fil-proċedimenti ta' qabel il-proċess: l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali,

— fl-istadju tal-proċess: il-Ministeru tal-Ġustizzja, u

— biex jirċievi: il-Ministeru tal-Ġustizzja.

ir-Repubblika tal-Finlandja: il-Ministeru tal-Ġustizzja.

ir-Renju tal-Isvezja: il-Ministeru tal-Ġustizzja.

ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq: il-*Home Office* (l-Awtorità Ċentrali tar-Renju Unit), id-Dwana u s-Sisa tal-Majestà Tagħha, l-Uffiċċju tal-Kuruna.

Il-Ġappun: il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Kummissjoni Nazzjonali għas-Sigurtà Pubblika jew persuni magħżula minnhom.

*ANNESS II*

Fir-rigward tal-Artikolu 6 ta' dan il-Ftehim, l-awtoritajiet li huma kompetenti skont il-liġijiet tal-Istati biex johorġu talbiet għal assistenza skont dan il-Ftehim huma stabbiliti hawn taħt:

ir-Renju tal-Belġju: l-awtoritajiet ġudizzjarji: għandhom jinftehmu bħala membri tal-ġudikatura responsabbli għall-implimentazzjoni tal-liġi, il-maġistrati li jmexxu investigazzjoni u l-membri tad-Dipartiment tal-Prosekuzzjoni Pubblika.

ir-Repubblika tal-Bulgarija: l-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija għal każijiet ta' qabel il-proċess tal-proċedimenti kriminali u l-qrati tar-Repubblika tal-Bulgarija għal każijiet pendenti fil-fażi tal-proċess tal-proċedimenti kriminali.

ir-Repubblika Ċeka: il-prosekuturi pubbliċi u l-qrati tar-Repubblika Ċeka.

ir-Renju tad-Danimarka:

— il-Qrati Distrettwali, il-Qrati Superjuri u l-Qorti Suprema,

— id-Dipartiment tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi, li jinkludi:

  — il-Ministeru tal-Ġustizzja,

  — id-Direttur tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi,

  — il-Prosekutur, u

  — il-Kummissarji tal-Pulizija.

ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja:

— il-Ministeru Federali tal-Ġustizzja;

— il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, Karlsruhe;

— il-Prosekutur Pubbliku Ġenerali tal-Qorti Federali tal-Ġustizzja, Karlsruhe;

— l-Uffiċċju Federali tal-Ġustizzja;

— il-Ministeru tal-Ġustizzja ta' Baden-Württemberg, Stuttgart;

— il-Ministeru tal-Istat għall-Ġustizzja u l-Protezzjoni tal-Konsumatur tal-Bavarja, Munich;

— id-Dipartiment tas-Senat għall-Ġustizzja, Berlin;

— il-Ministeru tal-Ġustizzja ta' Land Brandenburg, Potsdam;

— is-Senatur għall-Ġustizzja u l-Kostituzzjoni tal-Belt Anseatika Ħielsa ta' Bremen, Bremen;

— l-Awtorità Ġudizzjarja tal-Belt Ħielsa u Anseatika ta' Hamburg, Hamburg;

— il-Ministeru Ħessjan tal-Ġustizzja, l-Integrazzjoni u l-Ewropa, Wiesbaden;

— il-Ministeru tal-Ġustizzja ta' Mecklenburg-Vorpommern, Schwerin;

— il-Ministeru tal-Ġustizzja ta' Lower-Saxony, Hanover;

— il-Ministeru tal-Ġustizzja ta' Land North-Rhine/Westphalia, Düsseldorf;

— il-Ministeru tal-Ġustizzja ta' Land Rhineland-Palatinate, Mainz;

— il-Ministeru tal-Ġustizzja tas-Saarland, Saarbrücken;

— il-Ministeru tal-Istat għall-Ġustizzja fis-Sassonja, Dresden;

— il-Ministeru tal-Ġustizzja ta' Land Saxony-Anhalt, Magdeburg;

— il-Ministeru tal-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Integrazzjoni ta' Schleswig-Holstein, Kiel;

— il-Ministeru tal-Ġustizzja ta' Thuringen, Erfurt;

— il-Qrati Reġjonali Superjuri;

— il-Qrati Reġjonali;

— il-Qrati Lokali;

— il-Kap Prosekutur Pubbliku fil-Qrati Reġjonali Superjuri;

— id-Diretturi tal-Prosekuturi Pubbliċi fil-Qrati Reġjonali;

— l-Uffiċċju Ċentrali tal-Amministrazzjoni Ġudizzjarji tal-Land għall-Investigazzjoni ta' Reati Nazzjonal-Soċjalisti, Ludwigsburg;

— l-Uffiċċju tal-Pulizija Kriminali Federali;

— l-Uffiċċju Ċentrali tas-Servizz Ġermaniż ta' Investigazzjonijiet Doganali.

ir-Repubblika tal-Estonja: l-imħallfin u l-prosekuturi.

l-Irlanda: id-Direttur tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi.

ir-Repubblika Ellenika: l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku fil-Qorti tal-Appelli.

ir-Renju ta' Spanja: il-maġistrati u mħallfin tal-Qorti Kriminali, u prosekuturi pubbliċi.

ir-Repubblika Franċiża:

— il-prim presidenti, il-presidenti, il-kunsilliera u l-imħallfin tal-qrati kriminali,

— il-maġistrati f'dawn il-qrati li jmexxu investigazzjoni,

— il-membri tas-servizz ta' prosekuzzjoni pubblika f'dawn il-qrati, partikolarment,

  — il-prosekuturi pubbliċi ewlenin,

  — il-viċi prosekuturi pubbliċi ewlenin,

  — l-assistenti prosekuturi pubbliċi ewlenin,

  — il-prosekuturi pubbliċi u s-sostituti prosekuturi pubbliċi,

  — ir-rappreżentanti tal-ministeru pubbliku fil-qrati tal-pulizija, u

  — ir-rappreżentanti tal-ministeru pubbliku fil-qrati militari.

ir-Repubblika Taljana:

Prosekuturi:

— id-Direttur tal-Prosekuzzjoni Pubblika

— l-Assistent Prosekutur Pubbliku

— id-Direttur tal-Prosekuzzjoni Pubblika Militari

— l-Assistent Prosekutur Pubbliku Militari

— il-Prosekutur Pubbliku Ġenerali

— l-Assistent Prosekutur Pubbliku Ġenerali

— il-Prosekutur Pubbliku Ġenerali Militari

— l-Assistent Prosekutur Pubbliku Ġenerali Militari

Imħallfin:

— l-Imħallef tal-Paċi

— l-Imħallef tal-Investigazzjoni

— l-Imħallef tas-Smigħ preliminari

— il-Qorti Ordinarja

— il-Qorti Militari

— il-Qorti tal-Assise

— il-Qorti tal-Appell

— il-Qorti tal-Assise tal-Appell

— il-Qorti Militari tal-Appell

— il-Qorti tal-Kassazzjoni

ir-Repubblika ta' Ċipru:

— l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika,

— il-Kap tal-Pulizija,

— id-Direttur tad-Dwana u s-Sisa,

— il-membri tat-Taqsima għall-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus (MOKAS), u

— kwalunkwe awtorità jew persuna oħra intitolata li tagħmel investigazzjoni u persekuzzjonijiet (espulsjonijiet) fir-Repubblika u tali territorju bħal dan f'pajjiż barrani b'kompetenzi rilevanti.

ir-Repubblika tal-Latvja: l-investigaturi, il-prosekuturi u l-imħallfin.

ir-Repubblika tal-Litwanja: l-imħallfin u l-prosekuturi.

il-Gran Dukat tal-Lussemburgu: l-awtoritajiet ġudizzjarji: għandhom jinftehmu bħala membri tal-ġudikatura responsabbli għall-implimentazzjoni tal-liġi, il-maġistrati li jmexxu investigazzjoni u l-membri tad-Dipartiment tal-Prosekuzzjoni Pubblika.

ir-Repubblika tal-Ungerija: l-uffiċċji tal-prosekutur u l-qrati.

ir-Repubblika ta' Malta:

— il-Qorti tal-Maġistrati,

— il-Qorti tal-Minorenni,

— il-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali;

— l-Avukat Ġenerali,

— id-Deputat Avukat Ġenerali,

— l-Uffiċjali Legali fl-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali; u

— il-Maġistrati.

ir-Renju tal-Olanda: membri tal-ġudikatura responsabbli għall-amministrazzjoni tal-liġi, il-maġistrati li jmexxu investigazzjoni u l-membri tad-Dipartiment tal-Prosekuzzjoni Pubblika.

ir-Repubblika tal-Awstrija: il-qrati u l-prosekuturi

ir-Repubblika tal-Polonja: l-uffiċċji tal-prosekutur u l-qrati.

ir-Repubblika tal-Portugall: is-servizzi ta' prosekuzzjoni fil-fażi investigattiva, l-imħallfin li jkunu qegħdin jagħmlu investigazzjoni u l-imħallfin tal-proċess.

ir-Rumanija: il-qrati u l-uffiċċji tal-prosekutur tal-Qrati.

ir-Repubblika tas-Slovenja:

— l-imħallfin tal-qorti lokali,

— l-imħallfin li jkunu qegħdin jagħmlu investigazzjoni,

— l-imħallfin tal-qorti distrettwali,

— l-imħallfin tal-Qorti Superjuri,

— l-imħallfin tal-Qorti Suprema,

— l-imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali,

— il-prosekuturi distrettwali tal-Istat,

— il-prosekuturi superjuri tal-Istat,

— il-prosekuturi supremi tal-Istat.

ir-Repubblika Slovakka: l-imħallfin u l-prosekuturi.

ir-Repubblika tal-Finlandja:

— il-Ministeru tal-Ġustizzja,

— il-Qrati tal-Prim'Istanza, il-Qrati tal-Appell, u l-Qorti Suprema,

— il-prosekuturi pubbliċi,

— l-awtoritajiet tal-pulizija, l-awtoritajiet doganali, u l-uffiċjali għall-kontroll tal-fruntieri fil-kapaċità tagħhom ta' awtoritajiet ta' investigazzjonijiet kriminali preliminari fil-proċedimenti kriminali skont l-Att dwar l-Investigazzjonijiet Kriminali Preliminari.

ir-Renju tal-Isvezja: il-qrati u l-prosekuturi.

ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq: il-qrati u l-prosekuturi.

il-Ġappun:

— il-Qrati,

— l-Imħallfin li jippresjedu,

— l-Imħallfin,

— il-Prosekuturi Pubbliċi,

— l-Assistenti Uffiċjali tal-Prokuratur Ġenerali, u

— l-Uffiċjali tal-Pulizija Ġudizzjarja.

*ANNESS III*

Fir-rigward tal-Artikolu 9 ta' dan il-Ftehim, l-Istati Membri u l-Ġappun jaċċettaw il-lingwi li ġejjin:

ir-Renju tal-Belġju: Olandiż, Franċiż u Ġermaniż fil-każijiet kollha u Ingliż fil-każijiet urġenti;

ir-Repubblika tal-Bulgarija: Bulgaru fil-każijiet kollha u Ingliż fil-każijiet urġenti;

ir-Repubblika Ċeka: Ċek fil-każijiet kollha u Ingliż fil-każijiet urġenti;

ir-Renju tad-Danimarka: Daniż fil-każijiet kollha u Ingliż fil-każijiet urġenti;

ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja: Ġermaniż fil-każijiet kollha u Ingliż fil-każijiet urġenti;

ir-Repubblika tal-Estonja: Estonjan u Ingliż fil-każijiet kollha;

l-Irlanda: Ingliż u Irlandiż fil-każijiet kollha;

ir-Repubblika Ellenika: Grieg fil-każijiet kollha u Ingliż fil-każijiet urġenti;

ir-Renju ta' Spanja: Spanjol fil-każijiet kollha;

ir-Repubblika Franċiża: Franċiż fil-każijiet kollha;

ir-Repubblika Taljana: Taljan fil-każijiet kollha u Ingliż fil-każijiet urġenti;

ir-Repubblika ta' Ċipru: Grieg u Ingliż fil-każijiet kollha;

ir-Repubblika tal-Latvja: Latvjan fil-każijiet kollha u Ingliż fil-każijiet urġenti;

ir-Repubblika tal-Litwanja: Litwan fil-każijiet kollha u Ingliż fil-każijiet urġenti;

il-Gran Dukat tal-Lussemburgu: Franċiż u Ġermaniż fil-każijiet kollha u Ingliż fil-każijiet urġenti;

ir-Repubblika tal-Ungerija: Ungeriż fil-każijiet kollha u Ingliż fil-każijiet urġenti;

ir-Repubblika ta' Malta: Malti fil-każijiet kollha;

ir-Renju tal-Olanda: Olandiż fil-każijiet kollha;

ir-Repubblika tal-Awstrija: Ġermaniż fil-każijiet kollha u Ingliż fil-każijiet urġenti;

ir-Repubblika tal-Polonja: Pollakk fil-każijiet kollha;

ir-Repubblika tal-Portugall: Portugiż fil-każijiet kollha u Ingliż jew Franċiż fil-każijiet urġenti;

ir-Rumanija: Rumen, Ingliż jew Franċiż fil-każijiet kollha. Fir-rigward ta' dokumenti itwal, ir-Rumanija żżomm id-dritt, fi kwalunkwe każ speċifiku, li titlob traduzzjoni bir-Rumen jew li titlob li din issir fuq spiża tal-Istat rikjedenti;

ir-Repubblika tas-Slovenja: Sloven u Ingliż fil-każijiet kollha;

ir-Repubblika Slovakka: Slovakk fil-każijiet kollha;

ir-Repubblika tal-Finlandja: Finlandiż, Svediż u Ingliż fil-każijiet kollha;

ir-Renju tal-Isvezja: Svediż, Daniż jew Norverġiż fil-każijiet kollha, dment li l-awtorità li titratta l-applikazzjoni ma tippermettix mod ieħor f'każ individwali;

ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq: Ingliż fil-każijiet kollha;

Il-Ġappun: Ġappuniż fil-każijiet kollha u Ingliż fil-każijiet urġenti.

*ANNESS IV*

Fir-rigward tal-paragrafu 1(b) tal-Artikolu 11 ta' dan il-Ftehim, ir-referenza "Stat Membru wieħed" f'dan il-paragrafu hija għar-Repubblika tal-Portugall.

Fir-rigward tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 11 ta' dan il-Ftehim, ir-referenza "żewġ Stati Membri" f'dan il-paragrafu hija għar-Repubblika tal-Awstrija u r-Repubblika tal-Ungerija.